# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

24 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Kunsilliera Cassar Sultana

ASSENTI

Kunsilliera Cassar Sultana

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA 27

27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 25 u 26;
27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
27.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
27.6 SPC-SCI-07-2025 Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità - talba fil-bidla tal-proġett
27.7 Attivitajiet Tigrija, Festa Santa Margerita u Beer Festival;
27.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
27.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Il-kunsilliera Cassar Sultana nfurmat lis-Sindku li ser tkun preżenti għal-laqgħa dalwaqt.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 25 u 26

27.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.25 u 26 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 27.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li l-kunsill qed jirċievi numru ta' lmenti minħabba l-istat mhux daqshekk aċċettabli rigward il-belvedere ta' Triq 28 t'April. Il-fondi marbuta mal-proġett ġew approvati u fil-fatt il-kuntratt ġie ffirmat ma' Project Green. Is-sindku u s-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-perit biex jaraw xi affarijiet jistgħu jużaw mit-tenders eżistenti li għandu l-kunsill u jaraw liema tenders iridu joħorġu fis-suq fosthom għamara, dwal u ċertu materjal li hemm bżonn. Il-perit qed jipprepra l- BOQ's u l-ispesifikazzjoni marbuta mat-tenders li jridu joħorġu. Il-kunsill ħatar il-bord aġġudikattiv li ser ikun kompost mis-sindku, il-viċi sindku u l-kunsilliera Galea flimkien ma' perit jew inġinier biex janalizza l-affarijiet. Il-kunsillier Bajada fakkar lis-sindku biex ma jinsewx il-bdiewa ta' dawk in-naħat minħabba l-aċċess għar-raba' tagħhom, peress li kemm il-darba kien hemm talbiet lill-kunsill. Is-sindku kkonferma, li l-perit diġa ġie nfurmat b'dawn it-talbiet u l-uniku diffikultajiet ikunu jekk ikun hemm parking quddiem l-għalqa. F'dawn il-każijiet, ikun hemm rampa oħra fil-qrib biex ma jintilifx parking.

27.3.2 Sfortunatament, it-tender marbuta mal-kameras tas-sigurta ma' ġietx aġġudikata peress li l-offerent ma' bagħatx il-kjarifikazzjoni mitluba minn naħa tal-bord. Fost l-oħrajn, l-kunsill talab *light fixed pole* biex jitwaħħlu l-kameras magħhom, pero', l-offerent tefa' fit-tender li ser iwaħħal arblu normali, bl-inġinier joġġezzjona għax ikun hemm problema biex jiġi ċċertifikat. Kjarifikazzjoni oħra ntalbet rigward l-frames per second li tieħu l-kamera, bil-kunsill kien qed jitlob erbgħin wieħed (40) u l-offerent tefa' erbgħa u għoxrin (24) wieħed. Iż-żewġ inġiniera li kienu fil-bord, urew xettiċizmu li dawn il-kameras huma ta' kwalità tajba. Il-Kunsill ser jitlob lid-Dipartiment sabiex jagħti l-permess biex din il-provvista tgħaddi b'direct order, peress li din it-tender inħarġet tliet darbiet u tliet darbiet oħra ġiet iddikjarata falluta, dejjem għal raġunijiet li ma kinux min-naħa tal-Kunsill. Jekk id-dipartiment ma jagħtiex il-konferma biex imorru direct order, ikollha terġa' toħroġ it-tender. Id-dipartiment saqsa kemm il-darba fhiex wasal dan il-proċess ta' tendering u għalhekk huma jafu tajjeb li l-kunsill ħareġ kemm il-darba it-tender relatata mal-kameras

tas-sigurta. Il-kunsill jixtieq li l-kameras jitwaħħlu kemm jista' jkun malajr għas-sigurta' tar-residenti.

27.3.3 Rigward il-Kalkara tal-ġir, is-sindku nforma lill-kunsillieri li nbidel il-ġebel kollu minn naħa ta' quddiem, biex issa jrid isir it-tikħil. Il-kuntrattur pprepara sample tat-tikħil lil membri ta' l-SCH għal l-approvazzjoni tagħhom. Fil-fatt il-kuntrattur kellem lill-perit, u saħaq li l-uffiċjali ta' l-SCH ma' tawx ħin biżżejjed biex it-taħlita tinxef u itella certu saħħa. Is-sindku ser ikellem lil perit biex jara kif ser jibqgħu ma' l-SCH. Il- viċi sindku ppropona li xħin ikun lest ix-xogħol ta' restawr, jibdew jużaw din il-kalkara għal xi esebizzjonjiet. Is-sindku qal, li ġewwa mhux daqshekk kbir bħala spazju u hemm ħafna affarijiet li qed jinżammu mill-kunsill fosthom armar tal-Ġimgħa l-Kbira u anki xi presepji. Xi snin ilu, pero, kien ittelet esebizzjoni fuq l-għodda li kienu jużaw fil-kalkara tal-ġir.

27.3.4 Il-kunsillier Bajada semma l-*Pumping station* li hemm fi Mġarr ix-Xini li tista' tiġi użata għal-esebizzjonjiet. Is-sindku qal, li wara ħidma kbira minn naħa tal-kunsill fl-2017, ħareġ il-permess tal-*full development* mingħand l-awtorita' ta' l-ippjanar. Il-korporazzjoni ta' l-ilma kienet għamlet pressjoni biex din tinżamm minn naħa tagħhom, pero', xħin ġew nfurmati bl-obbligi speċjalment fejn jidħol l-periklu flimkien mas-saħħa u s-sigurta, din għaddiet taħt l-awtorita' ta' l-artijiet. Il-kunsill kien talab biex tiġi devoluta lill-kunsill, pero', sinċerament il-kunsill ma' jaqbilux tiġi taħt idejh bħalissa, peress li hemmhekk jirrikjedi proġett ħolistiku u mhux sempliċi restawr. Is-sindku kkonferma li hemm ħafna vandaliżżmu, fosthom graffiti u baqa' wkoll nugrufun. Il-kunsill kien applika *Priority access file* li dakinhar kien hemm massimu ta' ħamsin elf (50,000) u l-kunsill ma kienx jaffordja li joħroġ il-kumplament ta' l-ispiża. Is-segretarju eżekuttiv kkonfermat, li l-permess tal-MEPA reġa' ġġedded biex ma jintilifx il-permess. Il-kunsill qed jipproponi li jsir lift fejn il-garigor bħala aċċess għal *pumping station*, imbagħad jaraw kif ser jaslu mit-triq għal-lift. Is-sindku ppropona li xi darba jiftehmu flimkien bħala kunsillieri u jagħmlu teambuilding hemmhekk.

27.3.5 Il-kunsill qed ikellem lil kuntrattur biex iniżżel l-*aerial cables* taħt l-art, peress li estetikament qed itellfu ħafna mis-sbuħija tal-proġett. Is-sindku kkonferma, li z-zebra crossing ser jinżebħu u anki saret it-tabella tad-*disabled parking* fejn l-istatwi l-qodma. Il-viċi sindku qal, li l-kunsill għandu jikkonsidra wkoll, kif saru bħalhom fil-Belt Valletta, zebra crossing li tkun fuq tapit tal-plastic u mhux miżbuħa ma' l-art. Il-kunsill ser jitkellem ma' Transport Malta fuq din il-proposta. Ta' min isemmu wkoll, li l-Bus Stops saru b'mod temporanju biex jekk ikun hemm xi suġġeriment jista' jkun kunsidrat qabel ma' jsiru b'mod permanenti. Importanti li dawn il-bus stops ma jkunux quddiem twieqi jew garaxxjiet privati, idejalment tkun bejn żewġ postijiet. Il-kunsillier Bajada semma li fl-akkwati ta' Triq Dun Luqa, meta ix-xarabank tas-servizz pubbliku toħroġ għal Triq Ta' Ċenċ jsib diffikulta jekk tiġi karozza fid-direzzjoni opposta. Is-sindku qal, li hemmhekk trid teħel tabella *Priority to give way to public transport* u trid tidħol fit-traffic management il-ġdid. Huwa mportanti, li l-perit ilesti l-pjanti marbuta mat-traffic management il-ġdid ħalli jgħadduh lil Transport Malta għal-approvazzjoni minn naħa tagħhom. Is-sindku qal, li bħala kunsill kien għamel suġġeriment li jsir *ring road* fil-parti ta' fejn il-knisja u fil-fatt intlaqet tajjeb mir-residenti tar-raħal. Issa jmiss li jagħmlu *ring road* fil-parti tan-nofs, biex eventwalment xħin jgħaddi ftit żmien ieħor jaħsbu biex jagħmlu ring road fil-parti ta' fuq. Hekk ma jaqbdux u jagħmlu toroq *one way* f'daqqa għax ikun hemm tgergir minn naħa tar-residenti.

27.3.6 14.12 is-segretarju eżekuttiv nfurmat lis-sindku li l-kunsilliera Cassar Sultana ma’ tistgħax tattendi l-laqgħa u ser tibgħat imejl uffiċċjali.

27.3.7 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu fuq barra, speċifikament dawk involuti mat-tindif tar-raħal. Huwa għamilha ċara li min ma jkunx lest iwettaq id-doveri tiegħu għandu jikkunsidra li jsib impjieg ieħor, qabel ma l-Kunsill ikollu jieħu passi ulterjuri u jitlob li dak il-ħaddiem speċifiku ma jibqax jaħdem mal-Kunsill ta’ Sannat.
Kull ħaddiem huwa responsabbli miż-żona assenjata lilu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jerġgħu jiġu riveduti l-areas assenjati fejn għandhom jitwettqu x-xogħlijiet ta’ tindif mill-ħaddiema. Ġie spjegat ukoll li kien hemm żewġ ħaddiema li kienu qed jaqtgħu l-ħaxix biss u ma kinux qed iwettqu xogħol ta’ tindif tat-toroq. Is-Sindku saħaq magħhom li huma wkoll għandhom ikunu involuti fix-xogħol ta’ tindif bħall-ħaddiema l-oħra. Rigward is-sweeper, ġie spjegat li din qed tintuża darba jew darbtejn fil-ġimgħa f’Ta’ Sannat u kull fejn tgħaddi twettaq it-tindif meħtieġ. Madankollu, minħabba l-kundizzjonijiet tat-toroq, ma tkunx tista’ tgħaddi minn bejn il-karozzi pparkjati. Is-Sindku ppropona li l-klabb tal-futbol Sannat Lions ikun il-kuntrattur responsabbli għat-tqattigħ tal-ħaxix f’ċerti żoni mhux residenzjali, bħal Triq il-Gruwa, Tal-Bardan, eċċ. Il-klabb tal-futbol huwa l-unika NGO fir-raħal li m’għandhiex kuntratt ta’ servizz mal-Kunsill Lokali. Il-kunsilliera kollha qablu ma’ din il-proposta.

27.3.8 Il-viċi sindku qal, li kellmuh persuni li lmentaw fuq ħaxix ħażin fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-sindku qal, li skond iċ-ċirkulari li rċieva l-kunsill ma kienx hemm permess li jinqata’ l-ħaxix qabel il-ħmistax (15) ta’ Ġunju, minħabba l-kultivazzjoni tan-naħal. Issa, li ż-żmien stipulat għadda, il-ħaxix beda jinqata’ minn naħa tal-ħaddiema tal-kunsill. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa, li l-kunsill għandu jagħmel iktar komunikazzjoni mar-residenti b’informazzjoni informattiva għar-residenti. Is-sindku kkonferma, li l-kunsill għandu jgħaddi iktar informazzjoni lir-residenti, u għalhekk kif issuġġeriet il-kunsilliera Cassar Sultana f’laqgħa preċedenti, l-kunsill irid jibda jagħmel sensiela ta’ videos qosra b’informazzjoni lir-residenti fuq diversi oqsma. Is-sindku stqarr wkoll, li kien hemm ħafna kliem ta’ tifħir mir-residenti rigward ix-xogħol u l-proposti li qed jagħmel il-kunsill.

## 27.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

27.4.1 Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mill-kunsillieri.

## 27.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv

27.5.1 Is-segretarju eżekuttiv bdiet il-komunikazzjoni tagħha billi qalet li hemm skema SPCI/04/2026 marbuta ma' manutenzjoni ta' proġetti kapitali li saru mill-2015 sa' massimu ta' tletin elf (30,000) li minnhom tmienja u ħamsin (85%) huma fondi tad-dipartiment u l-ħmistax fil-mija (15%) l-oħra jkunu fondi mill-kunsill. Is-sindku qal, li l-pjazzetta tax-Xelina wasal iż-żmien li jsir manutenzjoni fuqha.
Ta' min jirrikonoxxi, li minn din il-pjazzetta jgħaddu ħafna trakkijiet u vetturi kbar u dan jikkonferma ix-xogħol tajjeb li sar. Li hemm issa hu li hemm partijiet żgħar li niżlu, kif ukoll xi fili li jridu jintlew. Il-viċi sindku ressaq ilment ta' resident fuq xi culvert. Il-kunsillier Bajada fakkar lis-sindku wkoll fuq is-switch ta' meta xegħel id-dawl l-ewwel darba f' Ta' Sannat. Is-sindku qal, li jrid jitkellem mal-korporazzjoni Enemalta, peress li dan is-switch inqala' wara li kien ilu hemm snin twal. Il-kunsillieri qablu wkoll, li titwaħħal ukoll perspex b'informazzjoni u tifkira ta' fejn inxtegħel l-ewwel darba ġo ta' Sannat.

27.5.2 Il-kunsill irċieva talba permezz ta' imejl biex jintuża Ġnien il-Bidwi fis-sittax (16) ta' Settembru minn naħa ta' l-OASI biex isir attivita għat-tfal bejn it-tmienja u tnax-il sena. Il-kunsilliera qablu, li l-kunsill ser jagħtu approvazzjoni bil-kundizzjoni li irid ikun hemm membri ta' L-ERRC fuq il-post u anki jkunu osservati l-kriterji tas-saħħa u sigurta.

## 27.6 SPC-SCI-07-2025 Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità - talba fil-bidla tal-proġett

27.6.1 Is-sindku qal, li l-kunsill kien applika għal-skema li ħarġet id-dipartiment tal-gvern lokali, fejn ġew approvati l-fondi li kienu marbutin mal-belvedere ta' Triq 28 t'April. Issa, li l-kunsill ġab fondi mingħand Project Green biex isir dan il-belvedere, u għalhekk l-kunsill ser jitlob biex il-fondi tad-dipartiment jintużaw fuq proġett ieħor importanti. Is-sindku semma, li dawn il-fondi jistgħu jintużaw biex isir *shallow service culvert* baxx fi sqaq li jagħti għal-MUSEUM mill-pjazza Santa Margerita. Minn dawn il-culvert ikunu jistgħu jgħaddu servizzi, biex imbagħad isir pavimentar u anki jsiru xi dwal. Il-kunsilliera qablu li jsir din it-talba. Il-viċi sindku semma ukoll proposta, li Triq Marsilja kantuniera ma' Triq ta' Ċenċ, ikompli embellishment ta' dik il-parti ta' Sannat. Il-viċi sindku semma wkoll shelter li hemm f'dawk in-naħħat li jiżbokka minn tliet bokok. Is-sindku qal, li jistgħu jibdew jaħsbu fuq din il-proposta, imma jrid ikun hemm fondi disponibbli, għax dan hu proġett li jinvolvi eluf ta' ewro.

27.6.2 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li ħarġet skema mid-dipartiment (SPI/SCI/06/2026) Finanzjament - Karnival 2027 fejn hemm possibilta' ta' ħamest elef ewro (€5,000), li l-kunsill ser japplika għal l-attivita' tal-Karival 2027.

## 27.7 Attivitajiet Tiġrija, Festa Santa Margerita u Beer Festival

27.7.1 Il-Ħadd tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju ser jittella program 'Bonġu Malta' fil-Pjazza Santa Margerita fuq l-istazzjon nazzjonali. Il-program jibda fit-tmienja u nofs (8.30am) u s-sindku ħeġġeġ lill-kunsillieri biex jattendu għal ftuħ tal-program.

27.7.2 Il-kunsill irid jibda jaħdem fuq il-festa Santa Margerita, speċjalment fuq it-tiġrija taż-żwiemel li ser isir fl-għoxrin (20) ta' Lulju. Billi dakinhar taħbat is-solenita ta' Santa Margerita, jekk hemm bżonn tieqaf it-tiġrija għal ftit ħin biex jinħaraq in-nar, il-kunsill mhux ser isib oġġezzjoni. Il-kunsill diġa ffirma l-kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex wara li ġiet approvata t-talba minn naħa tal-kunsill. Is-sindku qal, li ser isejjaħ laqgħa b'urġenza ftit jiem oħra biex jiddiskutu l-attivitajiet marbuta mal-festa ta' Santa Margerita.

27.7.3 Il-*Beer Festival* ser tittella l-Ħadd sittax (16) ta' Awwissu, l-għada ta' Santa Marija, peress li kienet l-uniku data disponibbli. Bħala entertainment se jkunu mistiedna Ira Losco & band. Il-kunsill ġab fondi mill-Ministeru għal Għawdex u anki xi fondi mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Għalhekk, ser il-kunsill ser jibda kampanja ta' promozzjoni ta' din l-attivita' permezz ta' reklamar fuq is-social media u posters/flyers viżibli madwar ir-raħal.

## 27.8 Ilmenti u suġġerimenti

27.8.1 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li l-kunsill irċieva numru ta' ilmenti u suġġerimenti marbuta ma' double yellow lines ta' 1m. fejn garaxxijiet. Is-sindku qal, li dawn it-tip ta' talbiet mhemmx bżonn permessi mingħand Transport Malta, iżda xorta l-kunsill irid jara l-ġustifikazzjoni tat-talba biex isiru double yellow lines.

27.8.2 B' referenza għall-ilment 48/2026, resident talab li jitneħħew żewġ spazji ta' parkeġġ li jinsabu quddiem binja ġdida, peress li fil-faċċata tal-propjeta' ser jiġu żviluppati garages.

27.8.3 B' referenza għall- ilment 49/2026, resident talab li jsiru double yellow lines ma kull naħa tal-garage fi Triq Ta' Ċenċ.

27.8.4 B' referenza għall-ilment 50/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward ħmieġ fi Triq Palazz Palina.

27.8.5 B’ referenza għall-ilment 51/2026, resident li joqgħod fi Triq Ta’ Ċenċ talab li jsiru xi bollards jew double yellow lines quddiem ir-residenza tagħhom. Dan peress li qegħdin isibu ħafna ostakli biex joħorġu u jidħlu fil-garaxx dan peress li ma jkunx jistgħu jaraw bil-karozzi pparkjati ħażin.

27.8.6 B’ referenza għall-ilment 52/2026, residenta li toqgħod fi Triq Saguna ilmentat li qed jinnotaw li hemm ħafna ġrieden żgħar.

27.8.7 B’ referenza għall-ilment 53/2026, residenta li toqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma talbet li ssir għatba mal-bankina dan peress li hemm xifer mal-bankina u jsibuha diffiċli biex jidħlu u joħorġu.

27.8.8 B’ referenza għall-ilment 54/2026, resident qed jitlob li jsiru double yellow lines faċċata tal-garage li jinsab fi Triq Ta’ Xagħman peress li mhux qed ikun jista joħroġ id-dgħajsa mill-garage jekk ikun hemm karozza ipparkjata faċċata. Il-kunsill ħa jagħmel it-talba lil Transport Malta biex jagħtu l-approvazzjoni tagħhom f’dan il-każ skond il-proċeduri tagħhom.

27.8.9 B’ referenza għall-ilment 55/2026, il-kunsill irċieva imejl mill-MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq Mġarr ix-Xini.

27.8.10 B’ referenza għall-ilment 56/2026, resident li joqgħod fi Triq il-ġdida fi Triq Xagħman talbet li jsir id-dawl f’din it-triq dan peress li filgħaxija qed jkun hemm dlam ċappa li jagħti lok għal xi inċident jew serq.

27.8.11 B’ referenza għall-ilment 57/2026, residenta li toqgħod fi Triq Xagħman talbet li terġa ssir l- cat house fi din it-triq. Is-sindku qal, li din tneħħiet għar-raġuni li kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ u kienet ta’ inkonvenjent għas-sewwieqa tal-vetturi. Fl-istess inħawi hemm cat house oħra ftit metri l-bogħod.

27.8.12 14.49 is-sindku ħareġ mil-laqgħa

## 27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 06/2026

27.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 06/2026 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera

Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 27.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

27.10.1 Il-laqgħa ntemmet fil-2.53pm u ġiet aġġornata. Il-kunsilliera qablu li jsir laqgħa b'urġenza marbuta ma' l-attivitajiet tal-festa nhar il Ġimgħa tlieta (3) ta' Lulju. Il-laqgħa li jmiss tal-kunsill ser isir l-Ħamis tletin (30) ta' Lulju. Iż-żewġ laqgħat imsemmija ser jibdew fis-1.00pm.

Konfermati, illum 30 ta' Lulju 2026

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |